MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Rikors Numru. 31/2002/1

**Rikors Nru: 31/02A**

**Vincent Galea**

**versus**

**Antoinette Tabone**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi huwa jikri minghand l-intimata l-Ispizerija bl-isem ta' "Martin's Pharmacy" 13 ga 77, Triq Birzebbugia, bil-kera ta' tliet mija u sittin lira Maltija (Lm360), pagabbli bix-xahar bil-quddiem l-ewwel skadenza li jmiss fil-5 ta' April 2002;

Illi l-intimata permezz ta’ ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar 2002 (Dok. A) informat lir-rikorrenti li l-kera tal-imsemmi fond ghandu jigi awmentat ghal elfejn mija u disghin lira (2190) fis-sena pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem;

Illi r-rikorrenti jopponi ruhu ghat-talba tal-intimata billi l-kera presenti huwa gust u ma jishoqqlux li jigi awmentat;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan l-Bord jogghbu jichad it-talba tal-intimata ghall-awment tal-kera, bl-ispejjes kontra taghha u jiddeciedi li l-kera ta’ Lm360 fis-sena li jithallas ghall fond fuq imsemmi hu gust u ma jisthoqqlux li jigi awmentat.
Ra r-risposta

Illi t-talba ghall-awment fil-kera fil-fond de quo kif kontenuta fl-ittra ufficjali datata 29 ta’ Jannar 2002 hija gusta u timmerita konferma u dana tenut kont il-kera li qed tithallas minn fondi ta’ natura simili, l-entita’ tal-fond, l-uzu li qieghed isir mill-fond, l-valur odjern tieghu, kif ukoll il-livell tal-hajja attwali;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet tieghu tal-10 ta’ April 2002 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti teknici.

Billi mir-rapport tal-periti teknici jirrizulta li l-kera tallum ta’ Lm360 fis-sena diga teccedi b’erbghin fil-mija (40%) il-kera xieraq li bih l-istess fond kien mikri jew li seta’ jinbena qabel 4 ta’ Awissu 1914, jilqa t-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-intimata. Ir-rapport tal-periti jaghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------